TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha l-1 ta' April 2016

Avviz Numru 37/2015

**Sammy Spiteri**

**Vs**

**Kunsill Lokali Kercem.**

**It-Tribunal:-**

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fis-17 ta' Settembru 2015 li premezz tieghu l-attur talab l-hlas ta' elfejn, tlett mija u tletin Ewro u hamsin centezmu (€ 2330.50) ghal xogholijiet ta' skavar, tahmil ta' hamrija u xoghol relatat ma hitan tas-sejjiegh fi Playing Field liema xoghol gie kkummissjonat mal-konvenut.

Il-Kunsill konvenut laqgha ghal din it-talba billi eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijeit ta' Malta u in oltre eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Ra' s-sentenza preliminari tieghu tal-5 ta' Jannar 2016, li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra' l-atti kollha.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi l-attur qed ifittex hlas ghal xogholijiet ossia servizzi rezi lil kunsill lokali konvenut u li kienu xogholijiet extra u barra mill-parametri ta' tender li hu kien rebah u li kien qed jahdem.

Illi l-konvenut qed jikkontesta l-mertu billi jipprova jaghti l-impressjoni illi x-xogholijiet mertu ta' din il-kawza kienu jiffurmaw xi parti mit-tender li kienet intrebhet minn l-attur. U f'punt iehor jipprova jghid ukoll illi x-xogholijiet kienu nkluzi f'kont precedenti relatat mat-tender u imhallsa.

Qabel xejn it-Tribunal josserva illi l-kunsill konvenut qatt ma eccepixxa l-pagament minkejja illi tali eccezzjoni kienet tkun wahda perfettament kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Jidher bic-car illi l-kunsill konvenut bil-persuni li jikkostitwuh presenzjalment jaf ben tajjeb ix-xogholijiet x'kienu u ma kienux. Dan it-Tribunal ma jistax jittollera sitwazzjonijiet bhala ma gieli sfortunatament kellu drabi ohra quddiemu, fejn ghax jinbidlu l-membri tal-kunsill jew is-sindku, dawk godda jipprovaw jsibu kull skuza bex ma jonorawx l-obbligi li jkun ikkuntratta l-kunsill diversament kompost.

Il-fulkru ta' kollox kien dak li xhedet is-segretarja esekuttiva fit-12 ta' Novembru 2015 fejn ikkonfermat '*Mistoqsija ghalfejn ma thallasx nghid illi meta rcevejna l-kont ma konniex nafu x'inhu. Iccekkjajna u rajna u wara li vverifikajna kien lahaq ghadda z-zmien u illum dan il-kont huwa preskritt. Iccekkjajna mas-Sur Joe Grima li kien is-sindku precedenti u qalilna x-xoghol x'kien u ma kienx'.*

Quddiem dikjarazzjoni bhala din maghmula bil-gurament minn ufficcjal gholi tal-kunsill fejn jidher car illi x-xoghol sar u l-kunsill jaf x'inhu (ara wkoll kontro ezami ta  Marianne Sagona tat-12 ta' Jannar 2015) u l-unika raguni ghalfejn ma sarx il-hlas kienet il-preskrizzjoni, dan it-Tribunal ma jibqalu l-ebda' dubbju dwar l-obbligi tal-kunsill konvenut.

L-eks sindku Joseph Grima ukoll ikkonferma l-obbligi li ghalihom dahal il-kunsill vis-à-vis l-attur meta talbuh jaghmel xogholijiet extra relatat ma kostruzzjoni ta' hitan tas-sejjieh li kienet qed issir.

Illi dan it-Tribunal ma jhossx illi ghandu jidhol f'allegazzjonijiet dwar jekk l-appalt ghax-xoghol extra sarx skond ir-regoli li jirregolaw lil kunsill jew jekk gewx osservati r-regolamenti finanzjarji li jirregolaw internament il-kunsilli lokali jew direttivi kif mahruga mid-dipartiment tal-kunsilli lokali. Dawk huma affarijiet li l-kunsill irid jara internament

man-nies tieghu. Izda t-terz li gie moghti appalt u esegwieh in buona fede bhal ma' sar fil-kaz odjern ghadnu jithallas kull ma hu dovut lilu.

Illi finalment dan it-Tribunal japprova l-kontijiet kif mitluba f'din il-kawza stante illi jirrizultaw a sodisfazzjon tieghu in relazzjoni max-xoghol li sar.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in toto t-talbiet attrici jichad l-eccezzjonijiet tal-kunsill konvenut; jikkundanna lil Kunsill Lokali Kercem ihallas lil attur is-somma ta' elfejn, tlett mija u tletin Ewro u hamsin centezmu (€ 2330.50) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza il-quddiem. L-ispejjes kollha nkluzi dawk tas-sentenza preliminari tal-5 ta' Jannar 2016 ikunu a karigu tal-kunsill konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur